



Werrej

#### II Atti mhux leġiżlattivi

##### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1303 tat-28 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebkkini u r-raj fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIII u IX minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 1
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1304 tat-28 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIIa u VIIIb minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 3
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1305 tat-28 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-redfish filmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona V; iż-żoni XII u XIV tal-ilmijiet internazzjonali minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 5
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1306 tat-28 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-redfish fiż-żona NAFO 1F tal-ilmijiet ta' Greenland u fiż-żoni V u XIV tal-ilmijiet ta' Greenland u fl-ilmijiet internazzjonali taż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 7
- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1307 tat-28 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** ..... 9
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1308 tad-29 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "saliċilat tal-aluminju, bażiku"<sup>(1)</sup>** ..... 11
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1309 tad-29 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 14

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1310 tat-28 ta' Lulju 2015 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar l-istatus ta' mingħajr mard għat-territorju kollu tal-Kroazja fir-rigward tal-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV) <sup>(1)</sup> ..... 17**

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1303

tat-28 ta' Lulju 2015

**li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-rebkkini u r-raj fl-ilmijiet tal-UE taż-żoni VIII u IX minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqdbu dawk il-bastimenti wara dik id-data.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

## Artikolu 3

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Lowri EVANS  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

## ANNEX

Nru	16/TQ104
Stat membru	Spanja
Stokk	SRX/89-C.
Speċijiet	Rebkkini u raj ( <i>Rajiformes</i> )
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni Vb u VIa
Data tal-għeluq	25.6.2015

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1304****tat-28 ta' Lulju 2015****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żona VIIIa u VIIIb minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqdbu daww il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Lowri EVANS  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

ANNEX

Nru	14/TQ104
Stat membru	Spanja
Stokk	SOL/8AB.
Speċijiet	Il-lingwata komuni ( <i>solea solea</i> )
Żona	VIIIa u VIIIb
Data tal-għeluq	27.5.2015

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1305****tat-28 ta' Lulju 2015****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-redfish f'ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona V; iż-żoni XII u XIV tal-ilmijiet internazzjonali minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqdbu dawk il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Lowri EVANS  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

ANNEX

Nru	18/TQ104
Stat Membru	Spanja
Stokk	RED/51214D
Speċijiet	Redfish ( <i>Sebastes spp.</i> )
Żona	I-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali taż-żona V; iż-żoni XII u XIV tal-ilmijiet internazzjonali
Data tal-għeluq	25.6.2015



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1306****tat-28 ta' Lulju 2015****li jstabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għar-redfish fiż-żona NAFO 1F tal-ilmijiet ta' Greenland u fiż-żoni V u XIV tal-ilmijiet ta' Greenland u fl-ilmijiet internazzjonali taż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup> jstabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqdbu daww il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Lowri EVANS  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

ANNEX

Nru	17/TQ104
Stat Membru	Spanja
Stokk	RED/N1G14P u RED/*5-14P
Speċijiet	Redfish ( <i>Sebastes spp.</i> )
Żona	Iż-żona NAFO 1F tal-ilmijiet ta' Greenland u ż-żoni V u XIV tal-ilmijiet ta' Greenland u kundizzjoni speċjali: l-ilmijiet internazzjonali taż-Żona ta' Konservazzjoni tar-Redfish
Data tal-għeluq	25.6.2015

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1307****tat-28 ta' Lulju 2015****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz tal-linja sewda fl-ilmijiet tal-UE u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-kwoti għall-2015.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdi li saru tal-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2015.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti l-attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2015 għandha titqies eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness ta' dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi trasportat jew jinħatt l-art, ħut minn dak l-istokk li jaqbdaw il-bastimenti wara dik id-data.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/104 tad-19 ta' Jannar 2015 li jiffissa għall-2015 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 43/2014 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 779/2014 (ĠUL 22, 28.1.2015, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Lowri EVANS  
Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd*

ANNEX

Nru	15/TQ104
Stat Membru	Spanja
Stokk	HAD/5BC6 A.
Speċijiet	Merluzz tal-linja sewda ( <i>Melanogrammus aeglefinus</i> )
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni Vb u VIa
Data tal-għeluq	23.6.2015

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1308****tad-29 ta' Lulju 2015****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza "saliċilat tal-aluminju, bażiku"****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 jitlob li l-limitu massimu ta' residwi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-MRL") għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, jiġi stabbilit f'Regolament.
- (2) It-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 <sup>(2)</sup> tistipula s-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRL fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali.
- (3) Is-saliċilat tal-aluminju, bażiku, huwa diġà inkluż f'din it-tabella li skontha s-saliċilat tal-aluminju, bażiku, huwa permess għal (i) l-użu orali għall-ispeċijiet bovini, esklużi l-ispeċijiet li jipproduċu l-ħalib għall-konsum mill-bniedem, u (ii) l-użu topiku għall-ispeċijiet kollha li jipproduċu l-ikel, ħlief il-ħut bil-pinen.
- (4) Applikazzjoni għal modifika tal-entrata eżistenti għas-saliċilat tal-aluminju, bażiku, intbagħtet lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-EMA").
- (5) L-EMA, abbażi tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju, irrakkomandat li tinżamm il-klassifikazzjoni ta' "MRL mhux neċessarju" għas-saliċilat tal-aluminju, bażiku, iżda għall-użu topiku ta' din is-sustanza biss kif ukoll għal speċijiet oħra li jipproduċu l-ikel għajr l-ispeċijiet bovini, kaprini, ekwidi, il-fniek u l-ħut bil-pinen. L-entrata eżistenti għall-ispeċijiet bovini għandha tiġi sostitwita minn MRL numeriċi peress li, minħabba li s-sustanza issa hija proposta għall-użu fl-annimali adulti, il-klassifikazzjoni ta' "MRL mhux neċessarju" ma għadhiex valida u huwa meħtieġ l-istipular ta' limiti fit-tessuti bovini u fil-ħalib.
- (6) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, l-EMA għandha tikkunsidra li jew tuża l-MRL stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva li tinsab f'oġġett tal-ikel partikolari għal oġġett tal-ikel ieħor li ġej mill-istess speċi, jew inkella li tuża l-MRL stabbiliti għal sustanza farmakoloġikament attiva fi speċi waħda jew iktar għal speċijiet oħrajn.
- (7) L-EMA kkunsidrat li l-estrapolazzjoni tal-MRL numeriċi għas-saliċilat tal-aluminju, bażiku, li huma rrakkomandati għall-ispeċijiet bovini, hija xierqa għall-mogħoż, għaż-żwiemel u għall-fniek.
- (8) Għalhekk, it-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 għandha tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-metodu analitiku għall-monitoraġġ tal-MRL li huma proposti għas-saliċilat tal-aluminju, bażiku, fit-tessuti bovini jew fil-ħalib mill-annimali bovini, huwa disponibbli, iżda għadu mhux validat biżżejjed.

<sup>(1)</sup> ĠUL 152, 16.6.2009, p. 11.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwi fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠUL 15, 20.1.2010, p. 1).

- (10) Skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009, MRL proviżorju jista' jiġi stabbilit f'każijiet fejn id-dejta xjentifika ma tkunx kompluta, diment li ma jkun hemm l-ebda raġuni biex wieħed jissoponi li r-residwi ta' dik is-sustanza fil-livell propost huma ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.
- (11) Għalhekk, l-MRL numeriċi li jiġu proposti għandhom ikunu proviżorji u għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2016.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 qiegħed jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mit-28 ta' Settembru 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

\_\_\_\_\_

ANNEX

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, l-entrata għas-sustanza “saliċilat tal-aluminju, bażiku” tiġi sostwita b’dan li ġej:

Sustanza farmakologi-kament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimal	MRL (limitu massimu ta’ residwi)	Tessuti fil-mira	Dispożizzjonijiet oħra (skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009)	Klassifikazzjoni terapewtika
“saliċilat tal-aluminju, bażiku	Aċidu saliċiliku	Bovini, kaprini, Ekwidi, fniek	200 µg/kg 500 µg/kg 1 500 µg/kg 1 500 µg/kg	Muskoli Xaħam Fwied Kliewi	L-MRL proviżorji jiskadu fil-31 ta’ Diċembru 2016.	Aġenti kontra l-infjammazzjonijiet tal-intestini u kontra d-dijarea”
		Bovini, kaprini, Ekwidi	9 µg/kg	Ħalib		
	MHUX APPLIKABBLI	L-ispeċijiet kollha li jipproduċu l-ikel ħlief bovini, kaprini, Ekwidi, fniek u ħut bil-pinen	L-ebda MRL mhuwa meħtieġ	MHUX APPLIKABBLI	Għal użu topiku biss.	

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1309****tad-29 ta' Lulju 2015****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.



## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	165,4
	MK	26,3
	ZZ	95,9
0707 00 05	TR	126,8
	ZZ	126,8
0709 93 10	TR	125,7
	ZZ	125,7
0805 50 10	AR	124,7
	UY	157,3
	ZA	142,2
	ZZ	141,4
0806 10 10	EG	266,6
	MA	221,9
	TN	185,1
	TR	158,2
	US	286,0
	ZA	115,6
	ZZ	205,6
	ZZ	205,6
0808 10 80	AR	124,0
	BR	107,2
	CL	137,6
	NZ	134,8
	US	116,2
	UY	170,5
	ZA	133,6
	ZZ	132,0
0808 30 90	AR	261,9
	CL	202,9
	NZ	153,0
	ZA	125,0
	ZZ	185,7
	ZZ	185,7
0809 10 00	TR	223,2
	ZZ	223,2
0809 29 00	TR	265,5
	US	487,6
	ZZ	376,6

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0809 30 10, 0809 30 90	MK	83,1
	TR	176,8
	ZZ	130,0
0809 40 05	BA	61,6
	IL	124,7
	XS	66,1
	ZZ	84,1

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1310

tat-28 ta' Lulju 2015

**li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar l-istatus ta' mingħajr mard għat-territorju kollu tal-Kroazja fir-rigward tal-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 49(1) u (3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE <sup>(2)</sup> tistipula lista ta' Stati Membri, ta' żoni u ta' kompartimenti soġġetti għal programmi approvati ta' sorveljanza fir-rigward ta' marda waħda jew iktar mill-mardiet mhux eżotiċi mniżżla fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE. Id-Deċiżjoni 2009/177/KE tistipula wkoll lista ta' Stati Membri, ta' żoni u ta' kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard fir-rigward ta' marda waħda jew iktar minn dawk il-mardiet.
- (2) Il-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE tistipula l-lista ta' Stati Membri, ta' żoni u ta' kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard fir-rigward ta' marda waħda jew iktar minn dawk il-mardiet mhux eżotiċi.
- (3) Il-Kroazja ressqet dikjarazzjoni lill-Kummissjoni sabiex jiġi rikonoxxut li t-territorju kollu tal-Kroazja huwa ħieles mill-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV). It-tagħrif li ġie pprovdut juri li f'konformità mal-Artikolu 49(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, il-Kroazja tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti I tal-Anness V ta' dik id-Direttiva għal dik id-dikjarazzjoni.
- (4) Barra minn hekk, intbagħat tagħrif addizzjonali lill-Kummissjoni li juri li l-Kroazja stabbilixxiet żoni xierqa ta' lqugħ li jinkludu partijiet tal-imgħaqad tal-ilma tax-xmajjar Danubju u Sava għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni passiva minn Stati Membri ġirien jew minn pajjiżi terzi ġirien li mhumiex meqjusa ħielsa mill-KHV. Minħabba l-qagħda epidemjoloġika tal-pajjiżi ġirien fir-rigward tal-KHV, dawn l-imgħaqad tal-ilma għandhom jitqiesu bħala żoni ta' riskju għoli u għandhom jiġu segwiti b'sorveljanza skont ir-rekwiżiti adottati f'konformità mal-Artikolu 49(3) tad-Direttiva 2006/88/KE.
- (5) It-tagħrif li ġie pprovdut mill-Kroazja juri li d-dikjarazzjoni li tressqet tikkonforma mar-rekwiżiti kollha stipulati fid-Direttiva 2006/88/KE u fid-Deċiżjoni 2009/177/KE biex Stat Membru jiġi ddikjarat ħieles mill-mard. B'konsewgenza ta' dan, it-territorju kollu tal-Kroazja għandu jiġi ddikjarat ħieles mill-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV).
- (6) Għalhekk, il-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE għandha tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Il-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE hija emendata f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 328, 24.11.2006, p. 14.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta' Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta' sorveljanza u qerda u status ta' ħelsien minn mard ta' Stati Membri, żoni u kompartimenti (ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2015.

*Għall-Kummissjoni*  
Vytenis ANDRIUKAITIS  
*Membru tal-Kummissjoni*

---

*ANNEX*

Il-Parti C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE, il-linja dwar il-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV) hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-marda tal-vajrus tal-erpete tal-koi (KHV)	Il-Kroazja	HR	It-territorju kollu
	L-Irlanda	IE	It-territorju kollu
	Ir-Renju Unit	UK	It-territorju tal-Irlanda ta' Fuq"







ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**